# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*Dr. John Debono BA(Hons) M.A. PhD*

Meta fl-1574 Monsinjur Pietro Duzina nħatar Inkwiżitur, Delegat Appostoliku u Viżitatur għal Malta, hu żar il-knejjes u l-kappelel kollha ta' dawn il-gżejjer. Skond ma ħallielna miktub mill-erba' mija u erbatax-il knisja jew kappelel li sab ħdax minnhom kienu dedikati lil Sant' Andrija, wieħed mill-akbar numru fost il-qaddisin patruni[1]. Dan ifisser li d-devozzjoni lejn dan il-qaddis kienet stabbilita sewwa f'pajjiżna. Malmedda tas-snin iżjed artali jew knejjes ġew dedikati lill-istess qaddis appostlu.

### Il-vara titulari ta' Sant' Andrija

Nhar il-5 ta' Frar 1778, is-Surġent Andrea Camenzuli minn Ħal Luqa u li f'dawk is-snin kien joqgħod il-Birgu, ordna statwa ta' l-injam (*legname di ponente*) tirrappreżenta lill-Appostlu Sant' Andrija mingħand mastru Cosimo Scolaro mill-Isla.[2] Flimkien ma' l-istatwa, skolpita skond disinn tal-kapumastru Giuseppe Bonnici,[3] ġew ordnati wkoll il-pedestall u l-bradella iżda mingħajr il-lasti. L-istatwa, seba' *palmi* għolja, kellha tkun lesta minn kollox għażżebgħa u induratura fi żmien sena għall-prezz ta' 120 skud, li minnhom l-iskultur Scolaro rċieva 20 skud bil quddiem. Il-bilanċ kellu jitħallas mat-tlestija tal-vara. Ta' min jinnota li wieħed mix-xhieda f'din l-obbligazzjoni kien Felice Penza.[4]

Għal xi raġuni mhux magħrufa din l-obbligazzjoni ma twettqitx u nhar il-25 ta' Awissu 1778 il-ftehim iffirmat minn Felice Penza li deher fuq il-kuntratt għannom ta' Andrea Camenzuli ġie mħassar.[5] Seta' ġara li l-iskultur Cosimo weġġa' jew marad u ma setax jaħdem. Sadattant, Felice rċieva mingħand Cosimo l-valur ta' seba' skudi fi njam biex ipattu minn dawk l-20 skud li kien irċieva bil-quddiem. Fl-istess waqt Cosimo ntrabat li jħallas il-kumplament taddejn: ħames skudi fid-29 ta' Awissu u żewġ skudi kull xahar sa mill-aħħar ta' Settembru ta' l-istess sena.

Fl-istess jum tal-25 ta' Awissu, Penza, f'ismu u f'isem Camenzuli, ftiehem ma' l-iskultur Giuseppe Scolaro, ħu Cosimo, biex jieħu f'idejh ix-xogħol bħalma kien mogħti lil ħuh.[6] L-istatwa kellha titlesta fi żmien seba' xhur għall-istess prezz ta' 120 skud. Giuseppe rċieva 27 skud bil quddiem li minnhom kellu valur ta' seba' skudi fi njam. Kundizzjonijiet oħra tal-ftehim ma nbidlux.

L-istatwa tlestiet kif kien miftiehem u fil-5 ta' April 1779 Andrea Camenzuli stqarr li kien rċieva l-istatwa bil-pedestall u l-bradella skond il-ftehim iffirmat qabel ma' Felice Penza u f'ismu. Min-naħa l-oħra Giuseppe Scolaro rċieva l-kumplament tal-flus (93 skudi) li kien fadallu jieħu.[7]

Fl-1975 Dun Ġużepp Micallef kiteb hekk, "F'Novembru 1781 l-Isqof Labini ra l-istatwa lesta finniċċa tagħha fejn il-fonti talmagħmudija".[8] Dik il-ħabta l-Isqof Vincenzo Labini kien qiegħed jagħmel żjara pastorali lill-parroċċa ta' Ħal Luqa. Dan jagħtina x'nifhmu

*għal paġna 5*



L-istatwa titulari ta' Sant Andrija Appostlu kif nafuha llum wara li kienet restawrata minn Abrahm Gatt fl-1913.

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 4*

li kienet din l-istatwa maħduma mill-iskultur Giuseppe Scolaro, għalkemm id-dokumenti ma jagħtux ħjiel ċar għal liema skop Andrea Camenzuli kien ordna l-istatwa dedikata lil Sant'Andrija.[9] F'dawk is-snin Camenzuli, għalkemm minn Ħal Luqa kien joqgħod il-Birgu. Tgħid kienet xi wegħda personali li jagħti rigal lill-Knisja jew l-imħabba li kellu għal dan il-qaddis!

L-iskultur Bormliż, Abram Gatt, irrestawra din il-vara fis-sena 1913 u għamel disinni ġodda għall-bankun u l-bradella ta' l-istess vara, xogħol imwettaq minn Luqa Grixti.[10]

### Xi xogħlijiet oħra ta' l-aħwa Scolaro

Giuseppe u Cosimo Scolaro kienu jaħdmu kemm għal rashom kif ukoll flimkien u billi Giuseppe kien il-kbir, Cosimo akkwista l-esperjenza meħtieġa mingħand ħuh. Fid-9 ta' Frar 1769 l-aħwa Scolaro rċevew is-somma ta' 75 skud dovuti għall-iskultura ta' pulptu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien mingħand Dun Vittorio Bianco mill-istess raħal, f'ismu u f'isem il-prokuraturi il-Padrun Angelo Zammit u Ignazio Caruana.[11] L-aħwa Scolaro wegħdu li jwaħħlu żewġ fuljetti ma' kull sieq tal-pulptu fi żmien qasir u dan għal ebda ħlas ieħor.

Barra minn skultura fl-injam Giuseppe ġieli ħadem xogħol fil-ġebla Maltija. Nhar id-19 ta' Awissu 1774 Dun Orazju Mallia, prokuratur ta' l-artal tar-Rużarju fil-parroċċa ta'

*għal paġna 6*



L-istatwa ta' Sant' Andrija kif kienet fl-1783 li skond it-tagħrif ta' dan l-artiklu misjub riċentement jidher li hi x-xogħol ta' Giuseppe Scolaru minn l-Isla fuq disinn tal-Ħalluqi Giuseppe Bonnici u mħallsa mill-Ħalluqi Andrea Camenzuli

**OXFORD**
**Sellers**

***Statues - Bozoz***
***Roman Boots***

***Tops - Slippers - Jeans***
***Etc...***

***Specialised in***
***Curtains and Ropes***

**St. Andrews Str, Luqa**
**Tel: 21807767 - 21660542**

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 5*

Ħal Għaxaq, talab il-permess ta' l-Isqof biex ikun jista' juża tliet mitt skud minn somma ta' 500 skud li diġà' kienet hemm miġbura mingħand il-parruċċani għal xogħol ta' skultura fuq l-altar u l-faċċata tiegħu.[12] Barra din is-somma l-prokuratur diġa' kellu f'idejh 100 skud mogħtija minn persuna devota. Dun Orazju talab ukoll biex ikun jista' jagħmel il-kuntratt ma' l-iskultur.[13] Sar il-ftehim ma' Giuseppe Scolaro biex jiskolpixxi l-faċċata ta' l-altar għal prezz ta' 425 skud. Nhar id-19 ta' Mejju 1776 sar ftehim aħħari bejn il-prokuratur Dun Grattio Mallia u Giuseppe tal-ħlas tax-xogħol.[14]

Cosimo Scolaro kien ukoll jiġi mqabbad jagħmel xogħol ta' skultura sew fl-injam kif ukoll fil-ġebla. Fit-22 ta' April 1783 hu ftiehem ma' Dun Ġużepp Scasciato, bħala prokuratur tal-artal dedikat lil Santa Luċija fil-knisja ta' San Publiju ġewwa l-Furjana, biex jiskolpixxi l-gwarniċjun ta' dan l-artal għall-prezz ta' 40 skud li minnhom rċieva 5 skudi bil-quddiem.[15] Dan ix-xogħol kellu jixbah lil dak skolpit fl-artal dedikat lil San Gaetano fl-istess knisja u kellu jitlesta fi żmien 40 jum.

Cosimo ġieli ġie mqabbad biex jaħdem fuq il-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann flimkien ma' skulturi oħra. Hekk nhar il-11 ta' Lulju 1765 flimkien ma' Pietro Borg u l-aħwa Francesco u Vincenzo Dimech inqasmet bejniethom is-somma ta' 330 skud għal xogħol ta' skultura fuq il-bastiment navali *San Zaccaria* ta' l-Ordni.[16] Il-kunjom Scolaro jfakkarna f'nies tas-sengħa speċjalment f'dawk il-bennejja tal-bastimenti navali ta' l-Ordni ta' San Ġwann.[17]

Il-kummissjonijiet għall-knejjes ma naqsux. Fid-29 ta' Lulju 1785 Cosimo rċieva 44 skud min għand Dun Giuseppe Falzon talli skolpixxa żewġ kwadri ta' l-injam wieħed dedikat lil San Ġużepp u l-ieħor lill-Bambin Ġesù fil-knisja parrokkjali ta' Bormla.[18]

## Tagħrif qasir bijografiku

### fuq il-familja Scolaro u ż-żewġ aħwa skulturi

Giuseppe u Cosimo Scolaro kienu tnejn mill-ulied ta' Michele li kien miżżewweġ lil Franciscita. Bejn is-snin 1710 u 1736 dawn kellhom ħdax-il wild li ngħataw dawn l-ismijiet - Joachim, Joseph (13 ta' Diċembru 1710); Elena, Sophia (21 ta' Frar 1712); Joannes, Dominicus (4 ta' Awissu 1715); Josephum, Felicem, Nicolaum (5 ta' Dicembru 1717); Anna, Maria, Catherina (4 ta' Novembru 1720); Catherina, Maria (13 ta' Marzu 1723);[19] Teresiam, Rosalbam (14 ta' Ottubru 1725); Laurentium, Felices (27 ta' Novembru 1726); Grazia, Helena (13 ta' Frar 1730); Helena, Maria, Olympia (30 ta' Novembru 1732) u Ignatius, Joannes, Cosmus (13 ta' Lulju 1736).[20]

Sfortunatament sitta minn dawn l-ulied mietu f'età żgħira. Joannes miet fit-2 ta' Frar 1717 ta' xi tmintax-il xahar, Felix miet fis-16 ta' Diċembru 1720 fl-età ta' madwar erba' snin, Elena mietet fid-19 ta' April 1728 fl-età ta' xi ħmistax-il sena, Felix miet fis-17 ta' Ottubru 1729 fl-età ta' madwar erba' snin,[21] Catherina mietet fl-10 ta' Awissu 1742 fl-età ta' xi għoxrin sena u Helena mietet fit-8 ta' Ħunju 1743 fl-età ta' madwar sittax-il sena.[22] Michele, il-missier, miet fil-11 ta' Frar 1758 meta kellu madwar 85 sena[23] u martu Francisca mietet fit-30 ta' Novembru 1775 fl-età ta' xi 87sena.[24]

Fl-1752 il-familja Scolaro kienet tgħix fid-dar numru 1175 ġewwa *Strada detta ta Carbona.*[25] Michele kellu 67 sena, martu Francischita 57 sena u t-tfal Giuseppe 40 sena u Cosimo 16-il sena. Kellhom oħthom soru, Suor Catarina li kellha 31 sena.

Nhar it-13 ta' April 1755 Giuseppe Scolaro żżewweġ fil-parroċċa ta' l-Isla lil Catarina Fenech bint Angelo u Beatrice.[26] Erba' snin wara, nhar it-30 ta' April 1759,

*għal paġna 7*





Kopji tal-kuntratti oriġinali li saru biex kienet ordnata l-istatwa, il-pedestall u l-bradella ta' Sant' Andrija. Kuntratt A hu dak bejn Andrea Camenzuli u Cosimo Scolaro, li għal xi raġuni ma kienx onorat. Kuntratt B hu dak iffirmat bejn Camenzuli u Giuseppe Scolaro li fil-fatt skolpixxa l-istatwa. Xhud tal-kuntratt kien Feliċ Penza

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 6*

Cosimo iżżewweġ ukoll l-Isla lil Theresa Grech bint Giuseppe u Clara.[27] Fl-1781 il-familja ta' Giuseppe (69 sena) kienet tikkonsisti f'martu Catarina (64) u ż-żewġ uliedu Francesco (24) u Michele (20).[28] Min-naħa l-oħra l-familja ta' Cosimo (45 sena) kienet tikkonsisti f'martu Theresa (40) u tliet uliedu Michele (22), Maria (17) u Xaveria (7).[29] Lejn tmiem is-seklu tmintax u fis-snin ta' wara, il-kuġini Michele,[30] iben Cosimo, u Francesco, iben Giuseppe, imitaw lil missirijiethom fix-xogħol ta' l-iskultura.

### Konklużjoni

Fil-parroċċi Maltin id-drawwa li jordnaw u jiskolpixxu statwa ta' l-injam għall-festa titulari tar-raħal bdiet dieħla ġmielha. Kien hemm skulturi oħra magħrufa fit-tieni nofs tas-seklu tmintax barra l-aħwa Scolaro; fosthom Andrea Imbrogl,[31] Giovanni Caruana,[32] Antonio Fabri,[33] Vincenzo Dimech u Mariano Gerada.[34]

Il-parruċċani ta' Ħal Luqa kienu mill-ewlenin li riedu jonoraw lill-qaddis patrun tagħhom bi statwa barokka kif kienet id-drawwa preferita fi żmienhom, statwa li żżejjen il-knisja u tagħti l-ġieħ misthoqq lill-qaddis patrun Sant' Andrija.


mette siccome sollt. si è obligato, e
s'obliga di fare al Sargente An-
drea Caminzuli del fu Giovan-
ni di Cas: Luca abitante nella
Vittoriosa à me Not. ancor con-
trattē, e stipulantē una statua di
legname di ponente dell'altez-
za palmi sette rappresentante
l'Apostolo S. Andrea con il suo
piedistallo, e baradella pure di
legname con tutti li suoi forni-
menti senza però le aste giusta
il disegno da farsi dal Nob. Gonato
Capomastro Giuseppe Bonni-
ci, quale statua con il piedistal-
lo, e baradella senza essere però
ne colorita ne indorata detto
Scolaro promette conforme sollt.
si è obligato e s'obliga darla, e
consegnarla, fatta, e scolpita giu-
sta ricchiede l'arte al rif. Cam-
minzuli stipulantē fra il termi-
ne d'un anno continuo, e
compito da contarsi da oggi
in avanti senza eccezione al-
cuna
Ciò per la mercede di scudi

Dokument fir-Reġistru Pubbliku li juri l-kuntratt bejn Andrea Camenzuli u l-iskultur Giuseppe Scolaro fl-1778

### Referenzi

1 G. Aguilina OFM u S. Fiorini (ed.), *Documentary Sources of Maltese History Part IV Documents at the Vatican No. 1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no. 51 Mgr Petrus Dusina, 1575*, Malta 2001, *passim*.

2 A(rkivju) N(utarili) V(alletta), Nut(ar) S. S. Buttigieg, R 110/18, ff. 445$^{V}$-447. Ara Dok. 1. Wieħed għandu jinnota li l-erba' kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' l-istatwa fil-volum oriġinali tan-nutar Buttigieg m'humiex reġistrati: *idem.*, Ms. 634/14.

3 Giuseppe Bonnici (1707-79) kien minn Ħal Luqa: Ġ. Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Malta 1975, pp. 151-52. Bonnici kellu diversi karigi importanti fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Fost l-oħrajn naraw li mill-1761 sa l-1779 kien kapumastru taxxogħlijiet pubbliċi (*Capomastro delle Opere*). Fost ix-xogħlijiet li wettaq insibu t-tkomplija tal-Castellania u l-bini tad-Dwana fil-Belt. Kien imqabbad iħażżeż ukoll pjanti għall-knejjes fosthom dawk ta' San Publiju fil-Furjana, ta' Santu Wistin fil-belt Valletta u aktarx ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex: L. Mahoney, *5000 Years of Architecture in Malta*, Malta 1996, pp. 175, 179, 182, 223, 302 n 17, 309-11 u 327. Ara wkoll E. F. Montanaro, 'L-Imgħallmin fis-sengħa tal-bini u l-altar ta' San Tumas fil-Knisja ta' San Publiju', fi *Il-Furjana Program Festa San Publiju*, 1989.

4 Felice Penza fi żmienu kien suprastant tal-Fundazzjoni Cottoner, xogħol li dam jokkupah għal 45 sena. F'Ġunju 1774 meta kien f'età avanzata u marid, kiteb lill-Gran Mastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann biex wara mewtu dan l-impjieg jagħtih lil ibnu uniku Franġisku. Sa dan it-tant Franġisku kien qed jagħti sehmu sewwa fl-istess Fondazzjoni meta missieru kien ikun marid. Għalhekk it-talba ġiet milqugħa, iżda li jibqa' jitħallas bil-ġurnata dment li missieru kien għadu qed iżomm dan l-impjieg: B(ibljoteka) N(azzjonali) V(alletta), A(rkivju) ta' l-O(rdni) ta' San Ġwann 1192, Suppliche (1771-1777), ff. 212-212$^{V}$. Penza kien ħabrieki fil-parroċċa ta' Ħal Luqa, kien uffiċjal fil-fratellanza tas-Sagrament: Micallef, p. 128.

5 ANV, Nut. S. S. Buttieg, R 110/18, ff. 445$^{V}$-446, kuntratt marġinali. Ara Dok. 2.

*għal paġna 8*

PET MANIA
For all kind of Pet & Pet Food,
Aquarium & Fishing Equipment,
Fishing Live Baits, Live Stock,
Gardening Equipment & Accessories
208, New Street, Luqa Mob: 99823263

Be You
Fashion & Accessories
St. Pauls Str. Luqa
Tel: 21820472

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 7*

**Dok. 1**

ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/18, ff. $445^{V}$-447.
(f. 445v) (Fil-marġni) Obligatio inter Gusmanum Scolaro et Andream Caminzuli

Adi cinque del mese di Febraro corrente l'undecima Inditione del mille settecento settanta otto

Mastro Gusmano Scolaro del fù Michele della Città Senglea à me Notaro infrascritto conosciuto presente avanti à noi di sua libera volontà promette (f.446) siccomè sollenemente si è obligato, e s'obliga di fare al Sargente Andrea Caminzuli del fù Giovanni di Casal Luca abitante nella Vittoriosa à me Notaro anco conosciuto presente, e stipulante una statua di legname di ponente dell'altezza palmi sette rappresentante l'Apostolo San Andrea con il suo piedistallo, e bradella pure di legname con tutti li suoi ferramenti senza però le aste giusta il disegno da farsi dal Donato Capomastro Giusepe Bonnici, quale statua con il piedistallo, e bradella, senza essere però ne colorita, ne indorata detto Scolaro promette conforme sollennemente si è obligato, e s'obliga darla, e consegnarla lesta, e scolpita giusta richiede l'arte al riferito Caminzuli stipulante frà il termine d'un anno continuo, e compito da contarsi da oggi in avanti senza eccezione alcuna etc.
E ciò per la mercede di scudi (f. 446v) cento venti di tarì 12 per scudo, dalli quali esso Scolaro dice, e confessa d'aver avuto, e ricevuto dal riferito Caminzuli stipulante scudi venti presentialmente innanzi à noi Notaro e testimonii infrascritti in moneta d'argento, e rame Renunciando etc.
L'altri scudi cento per compimento della mercede sudetta esso Caminzuli promette, conforme sollennemente si è obligato, e s'obliga darli, e pagarli al nominato Scolaro stipulante subito che detta statua con piedistallo, e bradella sarà terminata, e consegnata senza eccezione alcuna etc.
Tutte le quali cose etc.
(f. 447) E cosi giurorono etc. Onde etc.
Fatto, e stipulato in Malta in questa Città Valletta presenti maestro Felice Pensa del fù Michele della sudetta Città Valletta, e Giovanni Bonnici del fù Salvadore della Città Rohan Testimonii etc.

**Dok. 2**

ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/18, ff. $445^{V}$-446, kuntratt marġinali.

Adi venticinque Agosto corrente l'undecima Inditione del Mille settecento settanta otto.

(f. 445v) Mastro Gusmano Scolaro da una parte, e Felice Pensa del fù Michele della Città Valletta come commisionato di Andrea Caminzuli per il quale ha promesso di rato giusta la forma del nuovo rito della Gran Corte dall'altra di loro libera volontà han retrocesso, e retrocedono dal prossimo stromento, quale da oggi in avanti vogliono che sii casso, e nullo come se mai fosse stato fatto, e non altrimente etc. Renunciando etc.
Di più detto Pensa sotto la provision da rato come sopra dice e confessa d'aver avuto, e ricevuto dal sudetto (f. 446) Scolaro stipulante scudi sette in tanta legname da detti scudi venti dal Scolaro à conto avuti dal riferito Caminzuli nel presente stromento Renunciando etc.
L'altri scudi tredici per compimento di detti scudi venti il riferito Scolaro promette siccome sollennemente si è obligato, e s'obliga darli, e pagarli al sudetto Pensa à nome come sopra stipulante in quanto à scudi cinque per li 29 del corrente Agosto, e l'altri scudi otto alla ragione di scudi due nella fine d'ogni mese principiando fare il primo pagamento di detti scudi 8 alla fine dell'entrante Settembre senza etc.
Tutte le quali cose etc.
E cosi giurarono etc. Onde etc.

Fatto nella Valletta presenti Giovanni Vella del fù Angelo, e Pasquale Gonzi del fù Filippo tutti due della Città Valletta Testimonii etc.

*għal paġna 9*

**DARMENIA TOURS**
*Misraħ tal-Knisja - Luqa*
***Ġiti Kulturali u Divertenti***
*Tel: 21800417*
*Fax: 21697953*

**HUSYL**
**Household Goods**
**New Street - Luqa**
**Tel: 21677955/99471706**
Il-ħanut fejn issibu tixtru rigali għal kull okkażjoni bħal linef, statwi, kolonni u għażla ta' mirja, nkwatri u *loose furniture* tal-kewba.
Issibu wkoll affarijiet għall-użu tad-dar bħal borom *waterless*, fannijiet, *picnic coolers* u *B-B-Q sets*

*Għall-aqwa kwalità ta' laħam frisk, Majjal, Majjal Mimli, Ċanga Friska ta' Malta, Home-made Beef Burgers, Friża, Zalzett Malti u tal-Bar-B-Q, Tiġieġ Friski u tal-Friża, Ħaruf tal-frisk u kull xorta ta' laħam ieħor.*
**Joseph Butcher**
*Triq San Ġużepp, Luqa*
*Mob: 99471132*
*L-aħjar kwalità li tista' ssib*
***Free Home Delivery***

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 8*

**Dok. 3**

ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/18, ff. 873$^{V}$-875.
(f. 873v) (Fil-marġni) Obligatio inter Joseph Scolaro et Felicem Penza nomine.

Adi venticinque del mese d'Agosto corrente l'undecima Indizione del mille settecento settanta otto

Mastro Giuseppe Scolaro del fù Michele della Città Senglea à me Notaro infrascritto conosciuto presente avanti à noi di sua libera volontà promette siccomè sollenemente si è obligato, e s'obliga di fare à Felice Penza del fù Michele della Città Valletta à me Notaro anco conosciuto presente, ed à nome, e per parte del Sargente Andrea Camminzuli del fù Giovanni per (f. 874) il quale promette di rato giusta la forma del nuovo rito della Gran Corte della Castellania etc. stipulante una statua di legname di ponente dell'altezza palmi sette rappresentante l'Apostolo San Andrea con il suo piedistallo, e bradella pure di legname con tutti li suoi ferramenti senza però le aste giusta il disegno da farsi dal donato Capomastro Giusepe Bonnici, quale statua con il piedistallo, e bradella, senza essere però nè colorita, ne indorata detto Scolaro promette, conforme sollennemente si è obligato, e s'obliga darla, e consegnarla lesta, e scolpita giusta richiede l'arte al riferito Pensa à nome come sopra stipulante frà il termine di mesi sette continui, e compiti da contarsi da oggi in avanti senza eccezione alcuna etc.
E ciò per la mercede di scudi cento venti di tarì 12 per scudo, (f. 874$^{V}$) dalli quali esso Scolaro dice, e confessa d'aver avuto, e ricevuto dal sudetto Pensa à nome come sopra stipulante scudi venti sette in quanto à scudi sette in tanta legname, e l'altri scudi venti presentialmente innanzi à noi Notaro e testimonii infrascritti in moneta d'argento, e rame Renunciando etc.
L'altri scudi novanta tre per compimento della mercede sudetta esso Pensa sotto la promission di rato come sopra promette, conforme sollennemente si è obligato, e s'obliga darli, e pagarli al nominato Scolaro stipulante subito che detta statua con piedistallo, e bradella sarà terminata, e consegnata senza eccezione alcuna etc.
Tutte le quali cose etc.
(f. 875) E cosi giurorono etc. Onde etc.
Fatto, e stipulato in Malta in questa Città Valletta presenti Giovanni Vella del fù Angelo, e Pasquale Gonzi del fù Filippo tutti due della Città Valletta Testimonii etc.

**Dok. 4**

ANV, Nut. S. S. Buttigieg, R 110/18, f. 873v, kuntratt marġinali.

Adi cinque Aprile dalla duodecima Inditione del mille settecento settanta nove.

(f. 873$^{V}$) Andrea Caminzuli, e Giuseppe Scolaro nel prossimo stromento nominati presenti di loro libera volontà dicono, e confessano d'aver vicendevolmente avuto, e ricevuto detto Caminzuli la statua con il suo piedistallo, e bradella da esso Scolaro obligata à Felice Penza à nome di esso Caminzuli, e detto Scolaro dal riferito Caminzuli del intiero suo prezzo nel presente instromento convenuto Renunciando etc.
E per tanto l'uno all'altro quittano, quittanza generale ne fanno per l'acquilana stipulazione precedente, ed accettitanzione susseguente legittimamente interposte Renunciando etc.
E cosi giurorono etc. Onde etc.
Fatto nella Valletta presenti Calcidonio Zarb figlio di Mariuto e Michele Fava figlio di Nicola tutti due della Città Valletta Testimonii etc.




Plakka mwaħħla mal-bażi ta' l-istatwa ta' Sant' Andrija li ssemmi lil Andrea Camenzuli li ħallas l-istatwa ta' Sant' Andrija fl-1795 . Tindika wkoll li l-poplu Ħalluqi ħallas ir-restawr ta' l-istatwa fl-1913.

*għal paġna 10*

SNOOPY
Video and DVD Rentals
St. Andrews Str. Luqa
Also available all kind of stationery
Tel: 21665229

Saviour Magro Ltd
For all your ironmongery and household needs
Blu Building
Qormi Rd,
Luqa
Tel: 21249707
Fax: 21238249
e-mail: savmag@waldonet.net.mt

# Il-Vara Titulari ta' Ħal Luqa u l-iskultur tagħha

*minn paġna 9*

6 *Ibid.*, ff. 873$^{v}$-875. Ara Dok. 3.

7 *Ibid.*, ff. 873$^{v}$, kuntratt marġinali. Ara Dok. 4.

8 Micallef, p. 129.

9 Wieħed jinnota li fuq il-kuntratt ma deher ebda prokuratur tal-Knisja u l-anqas ma jidher li ġiet ippreżentata xi talba lill-awtoritajiet ekklesjastiċi biex jitwettaq dan ix-xogħol.

10 Micallef, p. 275.

11 ANV, Nut. F. Glison, R 296/1, ff. 481-481$^{v}$.

12 ANV, Nut. F. Garoffolo, R 279/6 (1775-77), ff. 418-419 (1775-76).

13 Nhar it-3 ta' Settembru 1774 l-isqof approva din it-talba: *ibid.*

14 *Ibid.*, ff. 416$^{v}$-418.

15 Il-bilanċ kellu jitħallas skond il-progress tax-xogħol: ANV, Nut. G. A. Vella, R 472/36, ff. 494-495.

16 BNV, AOM 1873, Conti della cassa della Congregazione delle Navi 1755-1768, f. 426$^{v}$.

17 Agostino, Antonio, Baldassare, Daniele, Giovanni Battista, Giuseppe, Raimondo u oħrajn kollha 'Scolaro' kienu magħrufa sewwa f'dan il-qasam: J. Debono, *Trade and Port Activity in Malta 1750 - 1800*, Malta 2000, pp. 25, 29, 31, 44, 47 u 58. Għal aktar tagħrif, ara A. Quintano, *The Maltese-Hospitaller Sailing Ship Squadron 1701 - 1798*, Malta 2003, pp. 107-112.

18 ANV, Nut. V. Azzopardi, R 38/4, ff. 492-493. Fl-24 ta' Awissu 1785 Francesco Briffa rċieva mingħand Dun Giuseppe Falzon 47 skud talli kien ħadem il-kwadru dedikat lil San Ġużepp: *Ibid.*, ff. 528$^{v}$-529.

19 A(rkivju) P(arrokkjali) B(ormla), Liber Baptizatorum, Libro 4 (1707-1723), ff. 46$^{v}$, f. 69$^{v}$, 106, 135,176 u 209$^{v}$ rispettivament.

20 *Ibid.*, Liber Baptizatorum, Libro 5 (1724-1743), ff. 29$^{v}$, 47$^{v}$, 95$^{v}$, 128$^{v}$ u 173$^{v}$ rispettivament.

21 *Ibid.*, Liber Defunctorum, Libro 3 (1679-1737), ff. 177, 210, 250$^{v}$ u 256 rispettivament.



Il-bankun oriġinali li jintuża biex fuqu titpoġġa l-istatwa ta' Sant' Andrija fil-Festa Liturġika tiegħu - it-30 ta' Novembru.

22 *Ibid.*, Liber Defunctorum, Libro 4 (1737-1753), ff. 28 u 33 rispettivament.

23 *Ibid.*, Liber Defunctorum, Libro 5 (1754-1764), f. 18$^{v}$.

24 *Ibid.*, Liber Defunctorum, Libro 6 (1764-1776), f. 119$^{v}$.

25 A(rkivju) A(rċiveskovili) F(urjana), Status Animarum Civitatis Burmula 1752, f. 33.

26 A(rkivju) P(arrokkjali) I(sla), Liber Matrimonii, vol. ii (1715-1773), p. 493.

27 *Ibid.*, pp. 514-515.

28 AAF, Status Animarum Civitatis Senglea 1781, f. 20.

29 *Ibid.*, f. 9$^{v}$.

30 Fit-30 ta' Settembru 1804 Michele rċieva is-somma ta' 150 skud bħala ħlas tal-pedestall tal-vara tal-Madonna tar-Rużarju tas-Siġġiewi: E. F. Montanaro, 'L-Iskultur Mariano Gerada (1766-1823)', fi *Leħen is-Santwarju Madonna tal-Grazzja Żabbar*, nru. 45 (1988), p. 8.

31 J. Debono, 'Il-Vara titulari taż-Żejtun u l-iskultur tagħha', *It-Torċa*, 15 ta' Mejju 2005. Fl-1761 Imbrogl ħadem wkoll l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Imdina: S. Abela, *Il-Karmelitani fl-Mdina (1649-1994)*, Malta 1994, p. 70.

32 Ġwann Azzopardi, 'L-Istatwa ta' San Pawl', fi *Il-Festi Tagħna Rabat*, Malta 1977.

33 J. Bezzina, *Sannat fi Ġrajjet Għawdex*, Malta 1989, p. 265. Ara ukoll, J. Debono, 'Organ-builders (eighteenth century)', fi *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800 stone carving, marble, bells, clocks and organs*, Malta 2005, p. 397 n.

34 Montanaro, pp. 2-14.

GORI BUTCHER
Est. 1980
St. Mary Street
Luqa

Ta' Matti
Għal kull prodott ta' ġwież, bexx, sulfat, demel artifiċjali u prodotti agrikoli ta' l-aqwa kwalità, irrikorru għand:
Alex Azzopardi
Gudja Road
Luqa
Tel: 21809348/21663593